**Minuti tal-Laqgħa nru 35 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2009 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.24 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 | 8.30 |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 7.10 | 8.30 |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | Marid |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.05 | 8.30 |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużata | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 | 8.30 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.23 | 8.30 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 | 8.30 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | Marida |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 33 u Nru 34**

1.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien ser isiru l-approvazzjoni tal-laqgħa Nru 33 biss għaliex huwa kellu ħafna corrections xi jsiru u barra minhekk ma kellux zmien jara sew il-minuti tal-laqgħa Nru 34 u għalhekk dawn jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

1.02 Is-Sindku talab li jsiru korrezjjonijiet għall-minuti tal-laqgħa Nru 33 kif ġej: F'paragrafu 1.0 tiżdied is-sentenza fl-aħħar tal-paragrafu "Dan irriżulta wara li s-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjona li jibqa jiġi iffinanzjat kollu mill-Kunsill kif dejjem sar dawn l-aħħar sentejn"

1.03 Hawn is-Segretarju oġġezzjona li ssir din il-korrezzjoni għaliex huwa qal li kien ta' spjegazzjoni għaliex huwa kien qed joġġezzjona . Sar qbil li jiżdiedu wkoll il-kliem "minħabba li spjegazzjoni li tidher f'paragrafu 2,06 ta' dawn il-minuti" fl-aħħar tas-sentenza tal-korrezzjoni.

1.04 Is-Sindku talab ukoll li f'paragrafu Nru: 2,01 tinqata l-aħħar sentenza min "Inqalet il-problema " sa " ta' finanzjament" u tidħol is-sentenza: "Din il-problema inqalet wara li s-Sindku kiteb lill Dr Chris Said għall-possibilita ta' finanzjament u li r-risposta minn naħa ta' Dr Chris Said kien li d-Dipartiment ma għandux fondi għall dan il-għan u li l-Kunsill għandu japplika għall fondi speċjali."

1.05 Is-Sindku talab ukoll li f'paragrafu No 2.02 tinqata l-aħħar is-sentenza minn "Din l-ittra" sa "iċ-ċentru".

1.06 Is-Sindku talab li f'paragrafu No 2.04 jinqatgħu l-kliem min "u saħansitra" sa "fil-minuti".

1.07 Is-Sindku talab li f'paragrafu No 2.07 tiżdied is-sentenza "Is-Sindku qal li mill-ittra tas-Segretarju Parlamentari Chris Said li ġġib d-data ta' 10 ta' Novemebru jidher li l'allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2010 ser tkun akbar. Fil-fatt qed jiġu ivvotati

€2,000,000 oħra għall-proġetti u inizjattivi speċjali fil-lokalitajiet, fosthom fond għall-ħidma fil-qasam soċjali."

1.08 Is-Sindku talab li ssir korrezzjoni f'paragrafu 6.01 billi wara il-kliem "Dwar item 5.01" jiżdiedu il-kliem "li kien jirrigwardja t-tiżjin tal-Milied".

1.09 Is-Sindku talab li fl-aħħar tal-paragrafu No 13.08 tiżdied is-sentenza "Is-Sinjura Marthese Mifsud ivvolontarjat li tgħin fl-attivita ta' Bay Street."

1.10 Is-Sur Mario Sammut talab korrezzjoni f'paragrafu No 13.09 billi jinbidlu l-kliem "ġewwa l-oratorju tas-Subien" mal-kliem "fis-sala tal-komunita".

1.11 Is-Segretarju qal li kien hemm żball f'paragrafu 14.00. Il-ħin li fih spiċċat il-laqgħa kien fl-10.00 ta' filgħaxija u mhux fid-9.00. Għalhekk talab li ssir din il-korrezzjoni.

1.12 Dawn il-korrezzjonijiet gew approvati u iffirmati.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 33.**

2.01 Is-Sindku qal li dwar item 2.06 li titratta dwar struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex ma jsirux spejjes għajr dawk statutorji, huwa xtaq jikkumenta li huwa jiddispjaċieħ illi Kunsilli oħra b'deficits kbar baqgħu għaddejjin qisu mhu xejn.

**3.0 Korrispondenza**

3.01 Ġiet preżentat lista ta' 20 ittra/email. Ġew diskussi 12 minn din il-lista u ittieħdu id-deċiżjonijiet skond lista mehmuża ma' dawn il-minuti.

3.02 Ma' din il-lista żdiedu żewġ ittri li ippreżenta s-Sindku waqt il-laqgħa. Dawn ingħataw in-numri 21 u 22 fl-aħħar tal-lista ippreżentata u jidhru ukoll fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

4.00 Fit-8.30 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku, is-Sinjura Josette Agius Decelis talbet li tiġi skużata għaliex kellha titlaq mill-laqgħa. Billi ma kienx hemm aktar quorum il-laqgħa aġġornat għall-21 ta' Jannar 2010 fis-7.00 p.m. ta' filgħaxija.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |